

Brussell, 11 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

10081/25

EF 189
ECOFIN 740
DROIPEN 65
ENFOPOL 197
CT 70
FISC 139
COTER 87
DELECT 75

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Ġunju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 3815 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'10.6.2025 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 biex l-Alġerija, l-Angola, il-Kosta tal-Avorju, il-Kenja, il-Laos, il-Libanu, Monaco, in-Namibja, in-Nepal u l-Venezwela jiżdedu mal-lista ta' pajjiżi terzi b'riskju għoli li pprovdew impenn politiku ta' livell għoli bil-miktub biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati u żviluppaw pjan ta' azzjoni mal-FATF, u biex Barbados, Ġibiltà, il-Ġamajka, il-Panama, il-Filippini, is-Senegal, l-Uganda u l-Emirati Għarab Magħquda jitneħħew minn dik il-lista

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2025) 3815 final.

Mehmuż: C(2025) 3815 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.6.2025
C(2025) 3815 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'10.6.2025

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 biex l-Alġerija, l-Angola, il-Kosta tal-Avorju, il-Kenja, il-Laos, il-Libanu, Monaco, in-Namibja, in-Nepal u l-Venezwela jżiedu mal-lista ta' pajjiżi terzi b'riskju għoli li pprovdew impenn politiku ta' livell għoli bil-miktub biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati u żviluppaw pjan ta' azzjoni mal-FATF, u biex Barbados, Ġibiltà, il-Ġamajka, il-Panama, il-Filippini, is-Senegal, l-Uganda u l-Emirati Għarab Magħquda jitneħħew minn dik il-lista

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849¹, il-ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi li jkollhom nuqqasijiet strateġiċi fir-reġimi tagħhom kontra l-ħasil tal-flus/kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (anti-money laundering/countering the financing of terrorism - AML/CFT) li joħolqu theddid sinifikanti għas-sistema finanzjarja tal-UE ("pajjiżi terzi b'riskju kbir") iridu jiġu identifikati sabiex jiġi protett il-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

L-Artikolu 9(2) tad-Direttiva (UE) 2015/849 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex tidentifika dawn il-pajjiżi terzi b'riskju kbir, filwaqt li tqis in-nuqqasijiet strateġiċi. Jistabbilixxi wkoll il-kriterji għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni. L-atti delegati jridu jiġu adottati fi żmien xahar (1) wara li jkunew ġew identifikati n-nuqqasijiet strateġiċi.

L-Artikolu 18a tad-Direttiva (UE) 2015/849 jistipula li l-Istati Membri jkollhom jirrikjedu li l-entitajiet marbutin b'obbligu japplikaw miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti msaħħa meta jistabbilixxu relazzjonijiet ta' negozju jew iwettqu tranżazzjonijiet li jinvolvu pajjiżi terzi b'riskju kbir identifikati mill-Kummissjoni.

Fl-14 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat (UE) 2016/1675, li identifika għadd ta' tali pajjiżi terzi b'riskju għoli. Dan ir-regolament delegat ġie sussegwentement emendat permezz tar-Regolament Delegat (UE) 2018/105, ir-Regolament Delegat (UE) 2018/212, ir-Regolament Delegat (UE) 2018/1467, ir-Regolament Delegat (UE) 2020/855, ir-Regolament Delegat (UE) 2021/37, ir-Regolament Delegat (UE) 2022/229, ir-Regolament Delegat (UE) 2023/410, ir-Regolament Delegat (UE) 2023/1219, ir-Regolament Delegat (UE) 2023/2070 u r-Regolament Delegat (UE) 2024/163.

Il-Kummissjoni ppubblikat metodoloġija riveduta għall-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir fis-7 ta' Mejju 2020². It-tliet aspetti l-ġodda ewlenin huma interazzjoni akbar mal-proċess ta' elenkar tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (Financial Action Task Force, FATF); involviment imsaħħaħ mal-pajjiżi terzi; u konsultazzjoni aħjar mal-Istati Membri u mal-Parlament Ewropew.

L-FATF aġġornat il-lista tagħha ta' "Ġuriżdizzjonijiet soġġetti għal Monitoraġġ Imsaħħaħ" mindu saru l-aħħar emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2016/1675.

Fil-laqgħa plenarja tagħha f'Ottubru 2023, l-FATF neħħiet lill-Panama mil-lista tagħha. Fil-laqgħa plenarja tagħha fi Frar 2024, l-FATF żiedet lill-Kenja u lin-Namibja mal-lista tagħha u neħħiet lil Barbados, Ġibiltà, l-Uganda u l-Emirati Għarab Magħquda minnha.

Fil-laqgħa plenarja tagħha f'Ġunju 2024, l-FATF żiedet lil Monaco u l-Venezwela mal-lista tagħha u neħħiet il-Ġamajka u t-Turkija minnha.

¹ Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

² Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar metodoloġija għall-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir skont id-Direttiva (UE) 2015/849 (SWD(2020) 99 final).

Fil-laqgħa plenarja tagħha f'Ottubru 2024, l-FATF żiedet lill-Alġerija, l-Angola, il-Kosta tal-Avorju u l-Libanu mal-lista tagħha u neħħiet lis-Senegal minnha. Fil-laqgħa plenarja tagħha fi Frar 2025, l-FATF żiedet lil-Laos u n-Nepal mal-lista tagħha u neħħiet lill-Filippini minnha.

Huma meħtieġa aġġornamenti fir-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 sabiex titqies l-informazzjoni minn organizzazzjonijiet internazzjonali u minn dawk li jstabbilixxu l-istandards fil-qasam tal-AML/CFT, bħal ma huma dikjarazzjonijiet pubbliċi tal-FATF, rapporti ta' evalwazzjoni reċiproka u ta' valutazzjoni dettaljata kif ukoll rapporti ta' segwitu ppubblikati.

In-natura li dejjem tinbidel tat-theddid tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, li huma ffaċilitati mill-iżviluppi kostanti tat-teknoloġija u mill-mezzi għad-dispożizzjoni tal-kriminali, teħtieġ adattament kontinwu tal-qafas legali dwar il-pajjiżi terzi b'riskju kbir sabiex jiġu indirizzati b'mod effiċjenti r-riskji eżistenti u jiġu impediti oħrajn ġodda.

Il-Kummissjoni adottat regolament delegat fl-14 ta' Marzu 2024, li ġie miċħud mill-Parlament Ewropew fir-Risoluzzjoni 2024/2688(DEA) tiegħu fit-23 ta' April 2024 minħabba tħassib dwar it-tneħħija mil-lista ta' Ġibiltà, il-Panama u l-Emirati Għarab Magħquda (EGħM)³. Is-sitwazzjoni rigward dawn il-pajjiżi hija spjegata fit-taqsima B.

Jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 jiġi emendat billi jiżdiedu ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi li ġew identifikati li għandhom nuqqasijiet strateġiċi u billi jitneħħew dawk li ma għadx għandhom nuqqasijiet strateġiċi abbażi tal-kriterji stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2015/849.

A. Żieda mal-lista fir-Regolament Delegat (UE) 2016/1675

Il-Kummissjoni qieset l-informazzjoni rilevanti minn organizzazzjonijiet internazzjonali u minn dawk li jstabbilixxu l-istandards fil-qasam tal-AML/CFT f'konformità mal-Artikolu 9(4) tad-Direttiva (UE) 2015/849. Din l-informazzjoni tinkludi dikjarazzjonijiet pubbliċi reċenti tal-FATF, il-lista tal-FATF ta' "Ġurisdizzjonijiet soġġetti għal Monitoraġġ Imsaħħa", rapporti tal-FATF tal-Grupp ta' Analiżi tal-Kooperazzjoni Internazzjonali, u rapporti ta' evalwazzjoni reċiproka mill-FATF u mill-korpi reġjonali tat-tip FATF (FATF-Style Regional Bodies - FSRBs) fir-rigward tan-nuqqasijiet strateġiċi ta' pajjiżi terzi individwali

B'mod partikolari, il-Kummissjoni tqis li l-Alġerija, l-Angola, il-Kosta tal-Avorju, il-Kenja, il-Laos, il-Libanu, Monaco, in-Namibja, in-Nepal u l-Venezwela għandhom nuqqasijiet strateġiċi fir-reġimi AML/CFT rispettivi tagħhom. Il-Kummissjoni qieset ukoll il-fatt li dawn il-pajjiżi ġew identifikati fil-lista tal-FATF ta' "Ġurisdizzjonijiet soġġetti għal Monitoraġġ Miżjud" fi Frar, Ġunju u Ottubru 2024 u fi Frar 2025.

Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-Alġerija, l-Angola, il-Kosta tal-Avorju, il-Kenja, il-Laos, il-Libanu, Monaco, in-Namibja, in-Nepal u l-Venezwela jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 9(2) tad-Direttiva (UE) 2015/849. Għalhekk, jenħtieġ li dawn il-pajjiżi jiżdiedu mal-lista fir-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir.

L-Alġerija, l-Angola, il-Kosta tal-Avorju, il-Kenja, il-Laos, il-Libanu, Monaco, in-Namibja, in-Nepal u l-Venezwela għamlu impenji politiċi ta' livell għoli bil-miktub biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati u żviluppaw pjanijiet ta' azzjoni mal-FATF għal dan l-għan. Il-Kummissjoni tilqa' dawn l-impenji u tappella lil dawn il-ġurisdizzjonijiet sabiex ilestu malajr l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni rispettivi tagħhom u fl-iskedi ta' żmien proposti.

³ Fajl ta' Proċedura: 2024/2688(DEA), Osservatorju Leġiżlattiv, il-Parlament Ewropew

L-FATF se tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni. Wara li tqies il-livell ta' impenn li ntwera fil-kuntest tal-FATF, dawn il-pajjiżi issa huma elenkati fit-tabella fil-punt I tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 ("Pajjiżi terzi b'riskju kbir li pprovdew impenn politiku ta' livell għoli bil-miktub biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati u żviluppaw pjan ta' azzjoni mal-FATF").

B. Tħassir mil-lista tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1675

Mindu saru l-aħħar emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2016/1675, il-FATF neħħiet lil Barbados, Ġibiltà, il-Ġamajka, il-Filippini, is-Senegal, it-Turkija, l-Uganda u l-Emirati Għarab Magħquda mil-lista tal-FATF fi Frar, Ġunju u Ottubru 2024 u fi Frar 2025, wara l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni rispettivi li dawn il-pajjiżi qablu mal-FATF.

Il-Kummissjoni rrevediet il-progress li sar minn Barbados, il-Ġamajka, il-Filippini, is-Senegal u l-Uganda fl-indirizzar tan-nuqqasijiet strateġiċi tagħhom abbażi tad-Direttiva (UE) 2015/849. Dawn il-pajjiżi saħħew l-effettività tar-reġimi tal-AML/CFT tagħhom u indirizzaw in-nuqqasijiet tekniċi biex jissodisfaw l-impenji fil-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom dwar in-nuqqasijiet strateġiċi identifikati mill-FATF.

Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni tikkonkludi li dawn il-pajjiżi indirizzaw in-nuqqasijiet strateġiċi identifikati fir-reġimi tal-AML/CFT tagħhom. Għalhekk huwa xieraq li dawn il-pajjiżi jitneħħew mit-tabella fil-punt I tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1675.

Fir-rigward tat-Turkija, il-Kummissjoni ma adottatx miżuri skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/849 fil-kunsiderazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni inklużi fin-negozjati tal-adeżjoni li jindirizzaw in-nuqqasijiet strateġiċi identifikati kif previst mill-metodoloġija riveduta.

Wieħed mit-tħassib ewlieni mqajjem mill-Parlament Ewropew fir-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2024 kien relatat maċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet. Il-Kummissjoni tfakkar li l-indirizzar taċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet huwa prijorità ewlenija u li l-UE stabbiliet qafas iddedikat biex taġixxi kontra dawk li jiffaċilitaw iċ-ċirkomvenzjoni u jimminaw l-effettività tar-reġim tas-sanzjonijiet tal-UE. Il-Kummissjoni qed tinvolvi ruħha b'mod attiv ma' ġurisdizzjonijiet b'riskju għoli fuq din il-bażi.

Il-FATF neħħiet lill-Panama mil-lista tagħha f'Ottubru 2023, iżda l-Panama baqgħet identifikata mill-UE bħala pajjiż terz b'riskju għoli minħabba nuqqasijiet strateġiċi oħrajn, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasparenza tas-sjieda benefiċjarja. Abbażi tas-sorsi ta' informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Panama indirizzat dawn in-nuqqasijiet.

Il-Kummissjoni kellha skambji tekniċi regolari mal-Panama dwar l-AML/CFT wara l-elenkar tagħha mill-UE f'Ottubru 2020. Wara t-tneħħija tal-Panama mil-lista mill-FATF f'Ottubru 2023, il-Panama pprovdiet evidenza lill-Kummissjoni li turi l-konformità tagħha mal-parametri referenzjarji addizzjonali tal-UE flimkien mal-pjan ta' azzjoni tal-FATF. Il-Kummissjoni evalwat din l-informazzjoni u qasmet il-valutazzjoni tagħha mal-Parlament Ewropew (PE), mal-Kunsill u mal-Istati Membri permezz tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu.

Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni pproponiet it-tneħħija mil-lista tal-Panama wara titjib fit-trasparenza tal-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja. Il-Panama wera b'mod partikolari li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu qed jirrispondu b'mod effettiv għal talbiet barranin għal kooperazzjoni fl-identifikazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bażika u dwar is-sjieda benefiċjarja ta' persuni ġuridiċi u arranġamenti ġuridiċi.

Il-FATF neħħiet lill-Emirati Għarab Magħquda mil-lista tagħha fi Frar 2024. Il-Kummissjoni, bħala membru fundatur tal-FATF, kienet involuta mill-qrib fil-proċess ta' tneħħija mil-lista tal-EGħM fi ħdan l-FATF. Wara żjara fuq il-post f'Jannar 2024, il-FATF ikkonkludiet li n-nuqqasijiet kollha identifikati fir-reġim tal-AML/CFT tal-EGħM kienu ġew indirizzati permezz tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tagħha tal-FATF. L-ebda parametru referenzjarju addizzjonali tal-UE ma kien meħtieġ fil-każ tal-EGħM peress li l-Kummissjoni, wara valutazzjoni komprensiva, ikkonkludiet li l-Pjan ta' Azzjoni tal-FATF kien komprensiv biżżejjed biex jissodisfa l-kriterji ta' tneħħija mil-lista tal-UE.

Għalhekk, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE, il-Kummissjoni pproponiet li tneħħi l-EGħM mil-lista wara t-tneħħija tagħhom mil-lista mill-FATF. Matul il-Plenarja tal-FATF ta' Frar 2024, il-Kummissjoni appellat lill-EGħM biex ikompli jtejbu r-reġim tal-AML/CFT tagħhom u biex jikkollaboraw aktar fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali. Fir-rigward tat-tħassib imqajjem mill-PE dwar kwistjonijiet rigward il-kooperazzjoni internazzjonali ġudizzjarja u tal-infurzar tal-liġi mal-EGħM, il-Kummissjoni kienet qed issegwi mill-qrib l-iżviluppi dwar dawn il-kwistjonijiet (inkluż dwar talbiet għal estradizzjoni u assistenza legali reċiproka) fil-qafas ta' djalogu strutturali mal-EGħM, f'kooperazzjoni mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u f'koordinazzjoni mal-Istati Membri.

Saru sensiela ta' laqgħat tad-djalogu strutturali dwar l-AML/CFT bejn l-UE u l-EGħM fil-21 ta' Ġunju fi Brussell u fit-13 ta' Novembru 2024 fi Brussell, u bejn il-15 u s-16 ta' April 2025 f'Abu Dhabi. Matul dan il-perjodu, l-Istati Membri rrapportaw xi progress fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-infurzar tal-liġi tagħhom mal-EGħM. Wara l-laqgħa ta' April, l-EGħM impenjaw ruħhom li jimplimentaw lista ta' miżuri konkreti biex ikompli jtejbu l-kooperazzjoni ġudizzjarja u fl-infurzar tal-liġi, b'mod partikolari billi jtejbu l-kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE). Il-Kummissjoni se tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri fid-djalogu strutturali kontinwu li għaddej mal-EGħM.

Il-FATF neħħiet lil Ġibiltà mil-lista tagħha fi Frar 2024. Il-Kummissjoni, bħala membru fundatur tal-FATF, kienet involuta mill-qrib fil-proċess ta' tneħħija mil-lista ta' Ġibiltà fi ħdan l-FATF. Wara ż-żjara fuq il-post tal-FATF f'Diċembru 2023, il-FATF ikkonkludiet li n-nuqqasijiet kollha fir-rigward tal-Pjan ta' Azzjoni tagħha tal-FATF kienu ġew indirizzati. L-ebda parametru referenzjarju addizzjonali tal-UE ma kien meħtieġ fil-każ ta' Ġibiltà peress li l-Kummissjoni kkonkludiet li l-Pjan ta' Azzjoni tal-FATF kien komprensiv biżżejjed biex jissodisfa l-kriterji ta' tneħħija mil-lista tal-UE.

Din hija r-raġuni għaliex, skont il-metodoloġija tal-Kummissjoni għall-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi b'riskju għoli, il-Kummissjoni pproponiet li tneħħi lil Ġibiltà mil-lista. It-territorju għamel progress sinifikanti biex itejjeb ir-reġim tal-AML/CFT tiegħu, b'mod partikolari dwar is-supervizzjoni tas-setturi finanzjarji u mhux finanzjarji u dwar il-konfiska.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fit-28 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Grupp Espert dwar il-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu dwar l-abbozz tar-regolament delegat bi proċedura bil-miktub.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-regolament delegat jemenda l-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1675.

L-effetti ġuridiċi tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-regolament delegat huma rregolati bl-att bażiku, id-Direttiva (UE) 2015/849.

Skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva (UE) 2015/849 l-Istati Membri huma obbligati li jirrikjedu li l-entitajiet marbutin b'obbligu fl-Istati Membri kollha japplikaw miżuri msaħħa ta' diliġenza dovuta mal-klijenti biex jimmaniġġjaw u jimmitigaw ir-riskji kif xieraq.

L-Artikolu 18a ta' dik id-Direttiva jstabilixxi l-miżuri msaħħa ta' diliġenza dovuta tal-klijenti li l-Istati Membri jridu jirrikjedu li l-entitajiet marbutin b'obbligu japplikaw fir-rigward ta' relazzjonijiet ta' negozju jew tranżazzjonijiet li jinvolvu pajjiżi terzi b'riskju għoli identifikati skont l-Artikolu 9(2) ta' dik id-Direttiva.

Bħala konsegwenza diretta tal-adozzjoni ta' dan ir-regolament delegat, l-entitajiet marbutin b'obbligu fl-Istati Membri kollha huma marbuta li japplikaw miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti msaħħa skont l-Artikolu 18a tad-Direttiva (UE) 2015/849 fir-rigward ta' relazzjonijiet ta' negozju jew tranżazzjonijiet li jinvolvu pajjiżi li huma inklużi fl-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1675.

Barra minn hekk, l-Artikolu 158(2) tar-Regolament Finanzjarju⁴ jipprojbixxi lil persuni u entitajiet li jimplimentaw fondi tal-UE jew garanziji baġitarji milli jidħlu f'operazzjonijiet ġodda jew imġedda ma' entitajiet inkorporati jew stabbiliti f'pajjiżi inklużi f'dan ir-regolament delegat skont id-Direttiva (UE) 2015/849.

Madankollu, dan ma japplikax jekk l-azzjoni tiġi implimentata fiżikament f'dawn il-pajjiżi u jekk ma jkun hemm l-ebda fattur ta' riskju ieħor. Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jridu jittrasponu dawk ir-rekwiżiti wkoll fil-kuntratti tagħhom stess ma' intermedjarji finanzjarji magħżula.

⁴ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'10.6.2025

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 biex l-Alġerija, l-Angola, il-Kosta tal-Avorju, il-Kenja, il-Laos, il-Libanu, Monaco, in-Namibja, in-Nepal u l-Venezwela jiżdedu mal-lista ta' pajjiżi terzi b'riskju għoli li pprovdew impenn politiku ta' livell għoli bil-miktub biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati u żviluppaw pjan ta' azzjoni mal-FATF, u biex Barbados, Ġibiltà, il-Ġamajka, il-Panama, il-Filippini, is-Senegal, l-Uganda u l-Emirati Għarab Magħquda jitneħħew minn dik il-lista

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 9(2) tagħha,

Billi:

- (1) L-Unjoni hija obbligata li tipproteġi b'mod effettiv l-integrità u l-funzjonament xieraq tas-sistema finanzjarja tagħha u tas-suq intern mill-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Għalhekk, l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva (UE) 2015/849 jirrikjedi li l-Kummissjoni tidentifika pajjiżi terzi li għandhom nuqqasijiet strateġiċi fir-reġimi tagħhom dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT) u b'hekk joħolqu theddid sinifikanti għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni ("pajjiżi terzi b'riskju għoli").
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675² jidentifika l-pajjiżi terzi b'riskju kbir u li għandhom nuqqasijiet strateġiċi.
- (3) Fil-kunsiderazzjoni tal-livell għoli ta' integrazzjoni tas-sistema finanzjarja internazzjonali, ir-rabta stretta tal-operaturi tas-suq, il-volum għoli ta' tranżazzjonijiet transfruntiera lejn jew mill-Unjoni, u l-livell ta' ftuħ tas-suq, kwalunkwe theddida tal-AML/CFT fuq is-sistema finanzjarja internazzjonali hija wkoll theddida għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni.
- (4) Kif meħtieġ mill-Artikolu 9(4) tad-Direttiva (UE) 2015/849, il-Kummissjoni qieset l-informazzjoni disponibbli reċentement, b'mod partikulari d-dikjarazzjonijiet pubbliċi

¹ ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2015/849/oj>

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidentifika pajjiżi terzi b'riskju kbir b'nuqqasijiet strateġiċi (ĠU L 254, 20.9.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2016/1675/oj).

reċenti tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (Financial Action Task Force - FATF), il-lista tal-FATF ta' "Ġurisdizzjonijiet soġġetti għal Monitoraġġ Imsaħħaħ", u r-rapporti tal-FATF tal-Grupp ta' Analiżi tal-Kooperazzjoni Internazzjonali fir-rigward tar-riskji ppreżentati minn pajjiżi terzi individwali.

- (5) Mill-aħħar emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2016/1675, l-FATF aġġornat il-lista tagħha ta' "Ġurisdizzjonijiet soġġetti għal Monitoraġġ Imsaħħaħ". Fil-laqgħat plenarji tagħha fi Frar, Ġunju u Ottubru 2024 u fi Frar 2025, il-FATF żiedet l-Alġerija, l-Angola, il-Côte d'Ivoire, il-Kenja, il-Laos, il-Libanu, Monaco, in-Namibja, in-Nepal u l-Venezwela ma' dik il-lista, u neħħiet lil Barbados, Ġibiltà, Ġamajka, il-Filippini, is-Senegal, l-Uganda u l-Emirati Għarab Magħquda minn dik il-lista.
- (6) L-Alġerija għamlet impenn politiku ta' livell għoli f'Ottubru 2024 biex taħdem mal-FATF u mat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq (Middle East and North Africa Financial Action Task Force - MENAFATF), li hija l-korp reġjonali tat-tip tal-FATF tagħha (FATF-style regional body - FSRB), biex issaħħaħ l-effettività tar-reġim tal-AML/CFT tagħha. Mill-adozzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni reċiproka (mutual evaluation report - MER) tagħha f'Mejju 2023, l-Alġerija għamlet progress fuq ħafna mill-azzjonijiet rakkomandati fil-MER inkluż billi segwiet b'mod aktar effettiv l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-ħasil tal-flus (money laundering - ML). L-Alġerija ser tkompli taħdem mal-FATF biex timplimenta l-pjan ta' azzjoni tagħha billi: ittejjeb is-superviżjoni bbażata fuq ir-riskju, speċjalment għal setturi b'riskju oġġla, inkluż permezz tal-adozzjoni ta' proċeduri ġodda, valutazzjonijiet tar-riskju, manwali u linji gwida ta' superviżjoni, kif ukoll twettaq spezzjonijiet u tapplika sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi; tiżviluppa qafas effettiv għall-informazzjoni bażika u dik dwar is-sjieda benefiċjarja; issaħħaħ ir-reġim tagħha ta' rappurtar ta' tranżazzjonijiet suspettużi (suspicious transaction reports - STR); tistabbilixxi qafas legali u istituzzjonali effettiv għal sanzjonijiet finanzjarji mmirati (targeted financial sanctions - TFS) għall-finanzjament tat-terroriżmu (terrorism financing - TF); kif ukoll timplimenta approċċ abbażi tar-riskju għas-sorveljanza tal-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ (non-profit organisations - NPOs), mingħajr ma tfixxkel jew tiskoraġġixxi l-attività leġittima. Filwaqt li huma rikonossuti u milqugħa l-impenn u l-progress li għamlet l-Alġerija s'issa, u jiġu inkoraġġiti aktar sforzi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Alġerija għadha ma indirizzatx bis-sħiħ it-tħassib li wassal biex hija tiżdied mal-lista tal-FATF ta' "Ġurisdizzjonijiet taħt Monitoraġġ Miżjud". Jenħtiegħ għalhekk li l-Alġerija titqies bħala pajjiż terz b'riskju għoli.
- (7) L-Angola għamlet impenn politiku ta' livell għoli f'Ottubru 2024 biex taħdem mal-FATF u mall-Grupp kontra l-ħasil tal-flus tal-Lvant u n-Nofsinar tal-Afrika (Eastern and Southern Africa Anti-Money Laundering Group - ESAAMLG), li huwa l-FSRB tagħha, biex issaħħaħ l-effettività tar-reġim tal-AML/CFT tagħha. Mill-adozzjoni tal-MER tagħha f'Ġunju 2023, l-Angola għamlet progress f'xi wħud mill-azzjonijiet rakkomandati fl-MER inkluż bit-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni nazzjonali, il-kooperazzjoni internazzjonali u l-użu tal-intelligence finanzjarja mill-awtoritajiet kompetenti. L-Angola ser tkompli taħdem mal-FATF biex timplimenta l-pjan ta' azzjoni tal-FATF tagħha billi: issaħħaħ il-fehim tagħha tar-riskji tal-ML/TF; ittejjeb is-superviżjoni abbażi tar-riskju ta' entitajiet bankarji mhux finanzjarji u ta' negozji u professjonijiet mhux finanzjarji deżinjati (designated non-financial businesses and professions - DNFBPs); tara li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess adegwat, preċiż u f'waqtu għall-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja u li l-ksur tal-obbligi jiġi indirizzat b'mod adegwat; tagħti xhieda ta' żieda fl-

investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-ħasil tal-flus; tagħti xhieda tal-kapaċità li jiġi identifikat, investigat u mħarrek it-TF; u turi li għandha proċess effettiv għall-implimentazzjoni tat-TFS mingħajr dewmien. Filwaqt li huma rikonoxxuti u milqugħa l-impenn u l-progress li għamlet l-Angola s'issa, u jiġu inkoraġġiti aktar sforzi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Angola għadha ma indirizzatx bis-sħiħ it-tħassib li wassal biex hija tiżdied mal-lista tal-FATF ta' "Ġurisdizzjonijiet taħt Monitoraġġ Miżjud". Jenħtieġ għalhekk li l-Angola titqies bħala pajjiż terz b'riskju għoli.

(8) F'Ottubru 2024 il-Kosta ta' Avorju ħadet impenn politiku ta' livell għoli biex taħdem mal-FATF u mal-Grupp Intergovernmentali ta' Azzjoni kontra l-Ħasil tal-Flus fl-Afrika tal-Punent (Groupe Intergouvernemental d'Action contre le Blanchiment d'Argent en Afrique de l'Ouest - GIABA), li huwa l-FSRB tagħha, biex issaħħaħ l-effettività tar-reġim tal-AML/CFT tagħha. Mill-adozzjoni tal-MER tagħha f'Ġunju 2023, il-Kosta tal-Avorju għamlet progress fuq ħafna mill-azzjonijiet rakkomandati fl-MER inkluż billi saħħet il-qafas legali tagħha tal-AML/CFT permezz ta' diversi emendi leġiżlattivi u regolatorji importanti, aġġornat l-analiżi tal-ML/TF billi abbozzat rapporti tipoloġiċi dwar l-ogħla reati predikati tar-riskju, saħħet ir-riżorsi umani u tekniċi tal-unità tal-intelligence finanzjarja (financial intelligence unit - FIU) u tal-prosekuturi, u operazzjonalizzat l-aġenzija inkarigata mill-ġestjoni tal-assi sekwestrati u kkonfiskati. Il-Kosta tal-Avorju ser tkompli taħdem mal-FATF biex timplimenta l-pjan ta' azzjoni tal-FATF tagħha billi: issaħħaħ l-użu tagħha tal-kooperazzjoni internazzjonali fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-ML/TF; ittejjeb l-implimentazzjoni tas-superviżjoni bbażata fuq ir-riskju tal-istituzzjonijiet finanzjarji u n-negozji u l-professjonijiet mhux finanzjarji deżinjati u t-twettiq ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni biex tittejjeb il-konformità; ittejjeb il-verifika u l-aċċess għall-informazzjoni bażika u dwar is-sjeda benefiċjarja ta' persuni ġuridiċi u l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet f'każ ta' ksur; issaħħaħ l-użu tal-intelligence finanzjarja mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u t-titjib tad-disseminazzjoni mill-FIU; tagħti xhieda ta' żieda sostnuta fl-għadd ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet ta' ML/TF ta' tipi differenti f'konformità mal-profil tar-riskju tal-pajjiż; u saħħaħ il-qafas tat-TFS. Filwaqt li huma rikonoxxuti u milqugħa l-impenn u l-progress li għamlet il-Kosta tal-Avorju s'issa, u jiġu inkoraġġiti aktar sforzi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Kosta tal-Avorju għadha ma indirizzatx bis-sħiħ it-tħassib li wassal biex hija tiżdied mal-lista tal-FATF ta' "Ġurisdizzjonijiet taħt Monitoraġġ Miżjud". Jenħtieġ għalhekk li l-Kosta tal-Avorju titqies bħala pajjiż terz b'riskju għoli.

(9) Il-Kenja għamlet impenn politiku ta' livell għoli fi Frar 2024 biex taħdem mal-FATF u mall-Grupp kontra l-ħasil tal-flus tal-Lvant u n-Nofsinhar tal-Afrika (Eastern and Southern Africa Anti-Money Laundering Group - ESAAMLG), li huwa l-FSRB tagħha, biex issaħħaħ l-effettività tar-reġim tal-AML/CFT tagħha. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Kenja ħadet passi biex ittejjeb ir-reġim tal-AML/CFT tagħha, inkluż billi lestiet valutazzjoni tar-riskju tat-TF u billi gābet il-qafas tat-TFS tagħha relatat mal-finanzjament tal-proliferazzjoni f'konformità. Il-Kenja se tkompli taħdem biex timplimenta l-pjan ta' azzjoni tagħha tal-FATF biex tindirizza n-nuqqasijiet strateġiċi tagħha, inkluż billi: tippreżenta r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju nazzjonali tal-ML/TF tagħha u valutazzjonijiet tar-riskju oħrajn b'mod konsistenti lill-awtoritajiet kompetenti u lis-settur privat u taġġorna l-istrateġiji nazzjonali tal-AML/CFT; ittejjeb tas-superviżjoni tal-AML/CFT abbażi tar-riskju tal-istituzzjonijiet finanzjarji (financial institutions - FIs) u d-DNFBPs u tadotta qafas legali għal-liċenzjar u s-superviżjoni tal-fornituri ta' servizzi tal-assi virtwali; issaħħaħ il-fehim tal-miżuri preventivi mill-FIs u d-DNFBPs, inkluż biex tiżdied il-preżentazzjoni tal-STR u tiġi implimentata t-TFS mingħajr dewmien; taħtar awtorità għar-regolamentazzjoni tat-trusts u l-ġbir ta'

informazzjoni preċiża u aġġornata dwar is-sjieda benefiċjarja u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' rimedju għall-ksur tal-konformità mar-rekwiżiti ta' trasparenza għall-persuni u l-arranġamenti ġuridiċi; ittejjeb l-użu u l-kwalità tal-prodotti tal-intelligence finanzjarja; iżżid l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-ML u tat-TF f'konformità mar-riskji; iġġib il-qafas tat-TFS konformi mar-Rakkomandazzjoni 6 tal-FATF u tara li jkun hemm implimentazzjoni effettiva tagħha; u tirrevedi l-qafas għar-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tal-NPO biex jiġi żgurat li l-miżuri ta' mitigazzjoni jkunu bbażati fuq ir-riskju u ma jfjixklux jew jiskoraġġixxu l-attività leġittima tal-NPO. Filwaqt li huma rikonossuti u milqugħa l-impenn u l-progress li għamlet il-Kenja s'issa, u jiġu inkoraġġiti aktar sforzi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Kenja għadha ma indirizzatx bis-sħiħ it-tħassib li wassal biex hija tiżdied mal-lista tal-FATF ta' "Ġurisdizzjonijiet taħt Monitoraġġ Miżjud". Jenħtieġ għalhekk li l-Kenja titqies bħala pajjiż terz b'riskju għoli.

(10) Il-Laos għamel impenn politiku ta' livell għoli fi Frar 2025 biex jaħdem mal-FATF u mal-Grupp tal-Asja/il-Paċifiku kontra l-Ħasil tal-Flus (Asia/Pacific Group on Money Laundering - APG), li huwa l-FSRB tiegħu, biex isaħħaħ l-effettività tar-reġim tal-AML/CFT tiegħu. Mill-adozzjoni tal-MER tiegħu f'Awwissu 2023, il-Laos għamel progress f'xi wħud mill-azzjonijiet rakkomandati fl-MER inkluż biż-żieda fir-riżorsi tal-FIU u l-eliminazzjoni tal-ishma tal-portaturi. Il-Laos se jkompli taħdem mal-FATF biex jimplementa l-pjan ta' azzjoni tal-FATF tiegħu billi: issaħħaħ il-fehim tagħha tar-riskji tal-ML/TF; ittejjeb is-superviżjoni abbażata tar-riskju tal-każinojiet, tal-banek u tal-entitajiet ta' rapportar f'Żoni Ekonomiċi Speċjali, inklużi permezz ta' kontrolli xierqa; ittejjeb il-kwalità u l-kwantità tal-analiżi tal-intelligence finanzjarja u t-tixrid spontanju lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi; jara li l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi jirċievu taħriġ u gwida dwar il-ħasil tal-flus; jagħti xhieda ta' żieda fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-ML f'konformità mal-profil tar-riskju tal-Laos, b'enfasi fuq reati b'element transnazzjonali li jeħtieġu kooperazzjoni internazzjonali; jiżviluppa politika nazzjonali ta' konfiska konsistenti mar-riskji tal-ML/TF tiegħu; jagħti xhieda li l-awtoritajiet kompetenti rilevanti qed jieħdu miżuri biex jidentifikaw, jissekwestraw u, fejn applikabbli, jikkonfiskaw ir-rikavat u l-mezzi strumentali tal-kriminalità f'konformità mal-profil tar-riskju; jimmonitorja l-konformità tal-FI u tad-DNFBPs mat-TFS mal-obbligi tal-finanzjament tal-proliferazzjoni (proliferation financing - PF); kif ukoll jindirizza n-nuqqasijiet ta' konformità teknika fir-Rakkomandazzjonijiet 5, 6, 7 u 10 tal-FATF. Filwaqt li huma rikonossuti u milqugħa l-impenn u l-progress li għamel il-Laos s'issa, u jiġu inkoraġġiti aktar sforzi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Laos għadu ma indirizzax bis-sħiħ it-tħassib li wassal biex huwa jiżdied mal-lista tal-FATF ta' "Ġurisdizzjonijiet taħt Monitoraġġ Miżjud". Jenħtieġ għalhekk li l-Laos jitqies bħala pajjiż terz b'riskju għoli.

(11) Il-Libanu għamel impenn politiku ta' livell għoli f'Ottubru 2024 biex jaħdem mal-FATF u mat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja għal-Lvant Nofsani u t-Tramuntana tal-Afrika (Middle East and North Africa Financial Action Task Force - MENAFATF), li huwa l-FSRB tiegħu, biex isaħħaħ l-effettività tar-reġim tal-AML/CFT tagħha. Mill-adozzjoni tal-MER tiegħu f'Mejju 2023, il-Libanu għamel progress fuq diversi azzjonijiet rakkomandati fl-MER u applika miżuri għas-settur finanzjarju tiegħu, inkluż permezz tal-ħruġ ta' ċirkolari għall-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji biex jistabbilixxi dipartiment iddedikat għall-ġlieda kontra t-tixħim u r-reati relatati mal-korruzzjoni u gwida dwar persuni politikament esposti, filwaqt li ħa miżuri kontra attività finanzjarja mhux liċenzjata. Il-Libanu ser ikompli jaħdem mal-FATF biex jimplementa l-pjan ta' azzjoni tal-FATF tiegħu billi: Jevalwa r-riskji speċifiċi ta' ML/TF identifikati fl-MER u jara li jkun hemm fis-seħħ politiki u miżuri

biex jittaffew dawk ir-riskji; isaħħaħ il-mekkaniżmi biex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni f'waqtha u effettiva tat-talbiet għal assistenza legali reċiproka, l-estradizzjoni u l-irkupru tal-assi; isaħħaħ il-fehim tar-riskju tad-DNFBPs u japplika sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur tal-obbligi tal-AML/CFT; jara li l-informazzjoni dwar is-sjeda benefiċjarja tkun aġġornata u li jkun hemm fis-seħħ sanzjonijiet adegwati u miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju għall-persuni ġuridiċi; isaħħaħ l-użu mill-awtoritajiet kompetenti tal-prodotti tal-FIU u tal-intelligence finanzjarja; jagħti xhieda ta' żieda sostnuta fl-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet u s-sentenzi tal-qorti għat-tipi ta' ML f'konformità mar-riskju; itejjeb l-approċċ tiegħu għall-irkupru tal-assi u jidentifika u jissekwestra movimenti transfruntiera illeċiti ta' muniti u metalli u ħaġar prezjużi; iwettaq investigazzjonijiet tat-TF u jaqsam l-informazzjoni relatata ma' dawn l-investigazzjonijiet ma' sħab barranin kif mitlub fl-MER; isaħħaħ l-implimentazzjoni tat-TFS mingħajr dewmien, b'mod partikolari fid-DNFBPs u ċerti istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji; kif ukoll jagħmel monitoraġġ immirat u abbażi tar-riskju tal-NPOs ta' riskju għoli, mingħajr tfixkil jew skoraġġiment tal-attivitajiet leġittimi NPO. Filwaqt li huma rikonoxxuti u milqugħa l-impenn u l-progress li għamel il-Libanu s'issa, minkejja ċ-ċirkostanzi preżenti li joffru sfida, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Libanu għadu ma indirizzax bis-sħiħ it-tħassib li wassal biex huwa jiżdied mal-lista tal-FATF ta' "Ġurisdizzjonijiet taħt Monitoraġġ Miżjud". Jenħtieġ għalhekk li l-Libanu jitqies bħala pajjiż terz b'riskju għoli.

- (12) F'Ġunju 2024, Monaco għamel impenn politiku ta' livell għoli lill-FATF u lill-Kumitat ta' Esperti dwar l-Evalwazzjoni ta' Miżuri Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu tal-Kunsill tal-Ewropa (MONEYVAL), li hija l-FSRB tiegħu, biex isaħħaħ l-effettività tar-reġim AML/CFT tiegħu. Mill-adozzjoni tal-MER tiegħu f'Diċembru 2022, Monaco għamel progress sinifikanti f'diversi azzjonijiet rakkomandati fl-MER, inkluż billi stabbilixxa superviżur ġdid ikkombinat tal-FIU u tal-AML/CFT, saħħaħ l-approċċ tiegħu għad-detezzjoni u l-investigazzjoni tat-TF, implimenta t-TFS u wettaq superviżjoni bbażata fuq ir-riskju tal-NPOs. Monaco se jkompli jaħdem mal-FATF biex jimplimenta l-pjan ta' azzjoni tiegħu billi: isaħħaħ il-fehim tar-riskju fir-rigward tal-ML u tal-frodi tat-taxxa fuq l-introjtu mwettqa barra mill-pajjiż; jagħti xhieda ta' żieda sostnuta f'talbiet heġġin biex jiġi identifikat u mfittex il-qbid ta' assi kriminali barra mill-pajjiż; isaħħaħ l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet għall-ksur tal-AML/CFT u l-ksur tar-rekwiżiti bażiċi u tas-sjeda benefiċjarja; ilesti l-programm ta' riżorsi tiegħu għall-FIU tiegħu u jsaħħaħ il-kwalità u l-puntwalità tar-rapportar tal-STR; isaħħaħ l-effiċjenza ġudizzjarja, inkluż permezz ta' żieda fir-riżorsi għall-imħallfin u l-prosekuturi investigattivi u japplika sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati għall-ML; kif ukoll jara li jkun hemm żieda fil-qbid ta' proprjetà suspettata li tirriżulta minn aktivitajiet kriminali. Filwaqt li huma rikonoxxuti u milqugħa l-impenn u l-progress li għamel Monaco s'issa, u jiġu inkoraġġiti aktar sforzi, il-Kummissjoni tikkonkludi li Monaco għadu ma indirizzax bis-sħiħ it-tħassib li wassal biex huwa jiżdied mal-lista tal-FATF ta' "Ġurisdizzjonijiet taħt Monitoraġġ Miżjud". Jenħtieġ għalhekk li Monaco jitqies bħala pajjiż terz b'riskju għoli.
- (13) In-Namibia għamlet impenn politiku ta' livell għoli fi Frar 2024 biex taħdem mal-FATF u mal-ESAAMLG, li huwa l-FSRB tagħha, biex issaħħaħ l-effettività tar-reġim tal-AML/CFT tagħha. Minn dak iż-żmien 'l hawn, in-Namibja ħadet passi biex ittejjeb ir-reġim tal-AML/CFT tagħha, inkluż billi saħħet ir-riżorsi tal-FIU iddedikati kemm għar-responsabbiltajiet ta' superviżjoni tagħha kif ukoll għall-analiżi operazzjonali u strateġika, u żiedet ir-riżorsi finanzjarji u umani tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi (law enforcement agencies - LEAs) iddedikati għat-TF. In-Namibja se tkompli taħdem biex

timplimenta l-pjan ta' azzjoni tagħha tal-FATF biex tindirizza n-nuqqasijiet strateġiċi tagħha, inkluż billi: issaħħa is-superviżjoni tagħha bbażata fuq ir-riskju tal-AML/CFT permezz tat-twertiq ta' spezzjonijiet mhux fuq il-post u fuq il-post imsaħħa permezz ta' għodod superviżorji ta' valutazzjoni tar-riskju u bl-applikazzjoni ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur tal-obbligi tal-AML/CFT; issaħħa il-miżuri preventivi permezz ta' spezzjonijiet u sensibilizzazzjoni biex jiġi żgurati li l-FIs u d-DNFBPs japplikaw miżuri msaħħa ta' diliġenza dovuta kif ukoll obbligi tat-TFS relatati mat-TF u mal-PF mingħajr dewmien; iżżid il-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar is-sjeda benefiċjarja ta' persuni u arranġamenti ġuridiċi, u l-applikazzjoni ta' azzjonijiet ta' rimedju jew sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi kontra ksur tal-konformità mal-obbligi tas-sjeda benefiċjarja; ittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-FIU u l-LEAs biex jissaħħu l-użu u l-integrazzjoni tal-intelligence finanzjarja fl-investigazzjonijiet; issaħħa il-kapaċitajiet operazzjonali tal-awtoritajiet involuti fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-ML billi dawn l-awtoritajiet jiġu pprovduti b'riżorsi adegwati u taħriġ immirat; kif ukoll tagħti xhieda tal-kapaċitajiet tal-LEAs li jinvestigaw każijiet ta' ML/TF u jagħmlu prosekuzzjoni b'mod effettiv tagħhom. Filwaqt li huma rikonoxxuti u milqugħa l-impenn u l-progress li għamlet in-Namibia s'issa, u jiġu inkoraġġiti aktar sforzi, il-Kummissjoni tikkonkludi li n-Namibia għadha ma indirizzatx bis-sħiħ it-tħassib li wassal biex hija tiżdied mal-lista tal-FATF ta' "Ġurisdizzjonijiet taħt Monitoraġġ Miżjud". Jenħtieġ għalhekk li n-Namibia titqies bħala pajjiż terz b'riskju għoli.

- (14) In-Nepal għamel impenn politiku ta' livell għoli fi Frar 2025 biex jaħdem mal-FATF u mal-APG li huwa l-FSRB tiegħu, biex isaħħa l-effettività tar-reġim tal-AML/CFT tiegħu. Mill-adozzjoni tal-MER tiegħu f'Awgust 2023, in-Nepal għamel progress f'xi wħud mill-azzjonijiet rakkomandati fl-MER inkluż razzjonalizzazzjoni tat-talbiet ta' MLA u żieda fl-kapaċitajiet tal-FIU. In-Nepal se jkompli jaħdem mal-FATF biex jimplimenta l-pjan ta' azzjoni tal-FATF tiegħu billi: ittejjeb il-fehim tiegħu tar-riskji ewlenin tal-ML/TF; ittejjeb is-superviżjoni abbażi tar-riskju tal-banek kummerċjali, il-kooperattivi b'riskju ogħla, il-każinojiet, in-negozjanti ta' metalli u ħaġar prezzjużi, u s-settur tal-proprjetà immobbli; jagħti xhieda li qiegħed jidentifika u jissanzjona servizzi ta' trasferiment ta' flus jew ta' valur/fornituri ta' servizzi hundi materjalment sinifikanti, mingħajr ma tiġi mfixkla l-inklużjoni finanzjarja; iżid il-kapaċità u l-koordinazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu investigazzjonijiet tal-ML; jagħti xhieda ta' żieda fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-ML; jagħti xhieda li qiegħed jieħu miżuri biex jidentifika, jitraċċa, jirrestrinġi, jissekwestra u, fejn applikabbli, jikkonfiska r-rikavat u l-mezzi strumentali tal-kriminalità f'konformità mal-profil tar-riskju; kif ukoll jindirizza n-nuqqasijiet ta' konformità teknika fir-reġim ta' sanzjonijiet finanzjarji mmirati tiegħu għal TF u PF. Filwaqt li huma rikonoxxuti u milqugħa l-impenn u l-progress li għamel in-Nepal s'issa, u jiġu inkoraġġiti aktar sforzi, il-Kummissjoni tikkonkludi li n-Nepal għadu ma indirizzax bis-sħiħ it-tħassib li wassal biex hija tiżdied mal-lista tal-FATF ta' "Ġurisdizzjonijiet taħt Monitoraġġ Miżjud". Jenħtieġ għalhekk li n-Nepal jitqies bħala pajjiż terz b'riskju għoli.

- (15) Il-Venezwela għamlet impenn politiku ta' livell għoli fi Frar 2024 biex taħdem mal-FATF u mat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja għall-Karibew (Caribbean Financial Action Task Force - CFATF), li huwa l-FSRB tagħha, biex isaħħa l-effettività tar-reġim tal-AML/CFT tagħha. Il-Venezwela se tkompli taħdem biex timplimenta l-pjan ta' azzjoni tagħha tal-FATF biex tindirizza n-nuqqasijiet strateġiċi tagħha, inkluż billi: issaħħa il-fehim tagħha tar-riskji tal-ML/TF, inkluż fir-rigward tat-TF u tal-persuni u l-arranġamenti ġuridiċi; tara li l-firxa sħiħa ta' istituzzjonijiet finanzjarji u DNFBPs ikunu soġġetti għal miżuri tal-AML/CFT u superviżjoni bbażata fuq ir-riskju; tara li

informazzjoni adegwata, preċiża u aġġornata dwar is-sjeda benefiċjarja tkun aċċessibbli fil-ħin; issaħħaħ ir-riżorsi tal-FIU u ttejjeb l-użu mill-awtoritajiet kompetenti tal-intelligence finanzjarja; issaħħaħ l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-ML u t-TF; tara li tiegħu miżuri għall-prevenzjoni tal-abbuż tal-NPOs għat-TF li jkunu mmirati, proporzjonati u abbażi tar-riskju u ma jkunux ifixklu jew jiskoraġġixxu attivitajiet leġittimi fis-settur tan-NPO; kif ukoll li timplimenta TFS relatati ma' TF u PF mingħajr dewmien. Filwaqt li huma rikonoxxuti u milqugħa l-impenn u l-progress li għamlet il-Venezwela s'issa, u jiġu inkoraġġiti aktar sforzi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Venezwela għadha ma indirizzatx bis-sħiħ it-tħassib li wassal biex hija tiżdied mal-lista tal-FATF ta' "Ġurisdizzjonijiet taħt Monitoraġġ Miżjud". Jenħtieġ għalhekk li l-Venezwela titqies bħala pajjiż terz b'riskju għoli.

- (16) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-Alġerija, l-Angola, il-Kosta tal-Avorju, il-Kenja, il-Laos, il-Libanu, Monaco, in-Namibja, in-Nepal u l-Venezwela għandhom jiġu identifikati bħala pajjiżi terzi b'riskju għoli. Għalhekk, jenħtieġ li l-Alġerija, l-Angola, il-Kosta tal-Avorju, il-Kenja, il-Laos, il-Libanu, Monaco, in-Namibja, in-Nepal u l-Venezwela jiżdiedu mat-tabella fil-punt I tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1675.
- (17) Il-Kummissjoni rrieżaminat il-progress li sar mill-Barbados, Ġibiltà, il-Ġamajka, il-Panama, il-Filippini, is-Senegal, l-Uganda u l-Emirati Għarab Magħquda fl-indirizzar tan-nuqqasijiet strateġiċi fir-reġimi AML/CFT rispettivi tagħhom. Dawk il-ġurisdizzjonijiet li ġew identifikati bħala pajjiżi terzi b'riskju għoli fir-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 tneħħew mil-lista tal-FATF ta' "Ġurisdizzjonijiet soġġetti għal Monitoraġġ Miżjud" f'Ottubru 2023 (il-Panama), fi Frar 2024 (Barbados, Ġibiltà, l-Uganda u l-Emirati Għarab Magħquda), f'Ġunju 2024 (il-Ġamajka), f'Ottubru 2024 (is-Senegal) u fi Frar 2025 (il-Filippini).
- (18) L-FATF laqgħet b'mod pożittiv il-progress sinifikanti li sar mill-Barbados, Ġibiltà³, il-Ġamajka, il-Panama, il-Filippini, is-Senegal, l-Uganda u l-Emirati Għarab Magħquda fit-titjib tar-reġimi tagħhom ta' AML/CFT. L-FATF innotat ukoll li dawk il-ġurisdizzjonijiet stabbilew oqfsa legali u regolatorji biex jissodisfaw l-impenni fil-pjanijiet ta' azzjoni rispettivi tagħhom dwar in-nuqqasijiet strateġiċi identifikati mill-FATF. Għaldaqstant, Barbados, Ġibiltà, il-Ġamajka, il-Panama, il-Filippini, is-Senegal, l-Uganda u l-Emirati Għarab Magħquda ma għadhomx soġġetti għall-proċess ta' monitoraġġ tal-FATF fl-ambitu tal-proċess ta' konformità globali tagħha dwar l-AML/CFT u se jkomplu jaħdmu mal-korpi reġjonali tat-tip FATF tagħhom biex ikomplu jsaħħu r-reġimi tal-AML/CFT tagħhom.
- (19) Barbados, Ġibiltà, il-Ġamajka, il-Panama, il-Filippini, is-Senegal, l-Uganda u l-Emirati Għarab Magħquda saħħew l-effettività tar-reġimi tal-AML/CFT tagħhom u indirizzaw in-nuqqasijiet tekniċi biex jissodisfaw l-impenni fil-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom dwar in-nuqqasijiet strateġiċi identifikati mill-FATF. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni tikkonkludi li Barbados, Ġibiltà, il-Ġamajka, il-Panama, il-Filippini, is-Senegal, l-Uganda u l-Emirati Għarab Magħquda ma għadx għandhom nuqqasijiet strateġiċi fir-reġimi AML/CFT tagħhom. Għalhekk jixraq li Barbados, Ġibiltà, il-Ġamajka, il-Panama, il-Filippini, is-Senegal, l-Uganda u l-Emirati Għarab Magħquda jitneħħew mit-tabella fil-punt I tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1675.

³ Bla ħsara għall-pożizzjoni legali tar-Renju ta' Spanja fir-rigward tas-sovranità u l-ġurisdizzjoni fir-rigward ta' Ġibiltà.

(20) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1675, fil-punt I, it-tabella hija sostitwita bit-tabella fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10.6.2025

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN